MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CAROL PERALTA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2002

Numru 331/1998

**Pulizija**
**Spettur E.M. Camilleri**

**Vs**

**Mario Camilleri**
**Joseph Ciappara.**

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Mario Camilleri ta' 37 sena iben Alfred (mejjet) u Antonia nee' Gauci imwieled il-Pieta' fit-28 ta' Novembru 1963 u

joqghod 114 Lelmar Triq il-Kampanella Fgura bin-numru tal-karta tal-identita' 630963M;

U kontra Joseph Ciappara ta' 27 sena, iben Joseph u Antonia nee Caruana (mejta) imwieled il-Pieta' fit-8 ta' Lulju 1975 u joqghod Block D, Flat 11 Housing Estate, Birzebbugia bin-numru tal-karta ta' l-identita' 366075M;

Talli f'dawn il-Gzejjer, bejn l-1 ta' April 1997 u t-30 ta' Novembru 1997, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda xjentament ghenu jew assistew lill-awtur tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie preparat jew ikkunsmat meta:

a) b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jwe billi nqdew b'qerq iehor, ingann jew billi wrew haga b'ohra sabiex igieghelu titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarj, jew sabiex iqanqlu tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm6,926 bi hsara ta' diversi persuni;

b) bi hsara ta' diversi persuni ghamlu qliegh b'qerq ta' aktar minn Lm6,926 mhux imsemmi fl-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;

c) Uzaw xi energija elettrika jew stallazzjoni, apparat strument jew accessorji taghhom provduti minn l-Enemalta jew xi pitrolju provdut ghall-bejgh jew tnehhija ohra minn jew f'isem l-Enemalta sew direttament jew indirettament ghall-ghanijiet differenti minn dawl li ghalihom kienu provduti;

d) Wkoll talli kissru jew naqsu li jharsu xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-Att dwar l-Enemalta jew xi wahda

mill-imsemmija regolamenti jew xi ordni legittimu moghti skond id-dispozizzjonijiet ta’ l-Att dwar l-Enemalta jw ta’ dawk ir-regolamenti;

Wara li rat in-nota tal-Avukat Generali li ggib id-data tat-18 ta’ Mejju 1998;

Wara li rat l-Artikolu18, 42, 308, 309, 310 tal-Kapitolu 9 u l-Artikolu 44, 45, 46 tal-Kapitolu 272.

Wara illi semghet il-provi u ezaminat id-dokumenti kollha ezebiti;

Ikkonsidrat:

Illi l-fatti ta’ dina l-kawza huma dawk elenkati fix-xhieda ta’ l-Ispettur Raymond Cremona, liema xhieda tinsab a fol 19 et seq ta’ dan il-process. Iz-zewg imputati, wiehed driver ta’ bowser ta’ l-Enemalta u l-iehor driver ma’ kuntrattur ma l-Enemalta, huma akkuzati li ghamlu frodi bi qliegh ghalihom u li kisru l-ligi ta’ l-Enemalta.

Illi minn din ix-xhieda wiehed ghandu jiddeduci illi l-imputati Mario Camilleri li, fi tlett (3) okkazzjonijiet, tefa’ d-diesel fl-istorage tank tal-petrol u dan kien ghamlu fuq struzzjonijiet tas-sid tal-pompa tal-petrol, u illi l-imputat Joseph Ciappara, f’erba’ (4) okkazzjonijiet tefa iz-zejjed tad-diesel u mbaghad petrol li kien jibqalu wara li jimla’ l-istorage tank tad-diesel fl-istorage tank tal-petrol. Dan ukoll fuq struzzjonijiet tas-sid tal-pompa.

Illi dan kollu sar ghal lira jew zewg liri tips kull darba. Dawn huma l-fatti tal-kaz.

Illi wiehed immedjatament jinduna illi l-element ta' qliegh bi hsara ta' haddiehor, element essenzjali fir-reat tal-frodi huwa nieqes, ara:

*Pulizija vs Shiner (Flores 3.3.1956) fejn gie stabbilit illi sabiex ir-reat ta' frodi jissussisti ghandhu jigi ppruvat illi l-imputat kien konxju tal-ingustizzja tal-qliegh tieghu, tal-profitt.*

*Pulizija vs Nicholas Farrugia (Muscat Azzopardi, 23.1.91) fejn gie stabbilit illi sabiex ir-reat ta' frodi jissusisti, irid ikun hemm il-qliegh a skapitu ta' haddiehor.*

*Pulizija vs Charles Zarb (L. Agius, Appell, 22.2.93) dwar l-ingustizzja tal-profitt.*

Trid, verament, il-Prosekuzzjoni tikonvinci dina l-Qorti illi dina l-lira jew tnejn li z-zewg imputati kienu jircievu bhala tips jammonta ghal element ta' qliegh bi hsara ghal haddiehor? Dina l-Qorti hija konvinta li le!

Illi din il-Qorti hija wkoll tal-umili fehma illi element iehor ta' dan ir-reat ta' frodi huwa mankanti u cioe' l-element ta' xjenza u cioe' ix-xjenza illi almenu kien qieghed isir a skapitu ta' l-Enemalta. Il-qerq necessarju sabiex jissussisti l-mens rea ta' qerq, essenzjali ghall-ezistenza ta' dana r-reat. Fejn hu l-qerq, fejn hija x-xjenza meta hawn si tratti ta' zewg drivers li kienu jitfaw il-petrol fejn kien jghidilhom sid il-pompa?

Illi l-Prosekuzzjoni naqset milli ggib il-prva ta' komplicita', sia individwalment ma sid il-pompa kif ukoll komplicita' bejn iz-zewg imputati, sabiex, bl-agir taghhom joholqu l-kimera necessarja sabiex jissusisti dan ir-reat ben definit.

Illi d-difiza gabet ukoll provi sufficjenti illi l-petrol li kien jingarr u jinbiegh mill-Enemalta lill-pompi tal-petrol madwar din il-gzira kien ikun dejjem imhallat u li, fil-fatt l-Enemalta tipprovdi ghall-percentagg accettabbli li jinbiegh minnha.  Per di piu', huwa fatt ippruvat illi s-sidien tal-pompi tal-petrol jew il-maggoranza taghhom, ghandhom il-facilita' illi jistghu jigi svotati minghajr il-htiega ta' uzu ta' pompa.

Dan kollu juri, illi dan ir-reat ma jistax jissussisti u kwindi dina l-Qorti qegheda tillibera lill-imputati mill-akkuzi lilhom addebitati mill-Prosekuzzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------